TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/203/17/S

*Roberta u Robert Patiniott*
*vs.*
*Quality Laundry Ltd*

Illum, 17 ta'Mejju,2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Roberta Patiniott u ta' Robert Patiniott ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2017 kif ukoll ir-Risposta ta' Nazzareno Zammit f'isem Lilywhite Laundry ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2018;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2018.

Ikkunsidra:

Illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2018, deher Nazzareno Zammit għal Quality Laundry Ltd u talab korrezzjoni fl-okkju. It-Tribunal laqa' t-talba u skont ordni tat-Tribunal, Nazzareno Zammit eventwalment ippreżenta kopja tal-*memorandum and articles of association* tas-soċjetà intimata;

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu li s-soċjetà intimata tkun ikkundannata tħallashom l-ammont ta' €500.00 (ħames mitt Ewro) filwaqt li spjegaw is-segwenti:

- Ir-rikorrenti ħadu *quilted mattress cover* għand is-soċjetà intimata;

- Din il-*quilted mattress cover* qatt ma kienet inħaslet qabel. Għalhekk, sabiex jiżguraw li din titnaddaf kif

suppost, huma wrew il-*cover* u l-istruzzjonijiet tal-ħasil lill-persuna li kienet fil-ħanut;

-Sar ftehim verbali bejn ir-rikorrenti u min kien hemm fil-ħanut li tal-ħanut kellhom jeżaminaw il-*cover* iżda ma kellu jsir ebda xogħol qabel ir-rikorrenti jintalbu d-debita awtorizzazzjoni permezz ta' telefonata;

-Tal-ħanut qatt ma ċemplulhom u għalhekk, ir-rikorrenti ċemplu huma stess iżda ġew infurmati li l-*cover* kienet lesta u setgħet tinġabar;

-Ir-rikorrenti ġabru l-*cover*, ħallsu miżata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) u ħaduha d-dar;

-Wara li kienu d-dar, intebħu li l-*cover* kellha xi toqob li dehru riżultat ta' ħruq b'xi kimika;

-Meta rinfaċċjat b'din il-verżjoni, Nazzareno Zammit m'aċċettax responsabilità stante li skont hu, ir-rikorrenti kienu ffirmaw formola li tgħid li r-riskju relattiv dejjem jinġarr minn min jordna x-xogħol u mhux minn min iwettqu;

-Ir-rikorrenti fakkru lil Zammit li huma kienu esiġew li ma jsir ebda xogħol qabel is-soċjetà intimata ċċemplilhom sabiex titlob permess biex jibda x-xogħol.

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li:

-Ir-rikorrenti Roberta Patiniott ikkonsenjat parti minn *mattress cover* għall-ħasil;

-Il-persuna li kien hemm fil-ħanut ċemplet lil Nazzareno Zammit li nfurmaha li kellu jara l-*cover* qabel jiddeċiedi x'kellu jsir;

-Il-persuna li kien hemm fil-ħanut eventwalment ċemplet lil Roberta Patiniott u qaltilha li l-*cover* setgħet tinħasel iżda Roberta Patiniott f'ebda ħin ma qaltilha biex dan ma

jinħasilx, tant li eventwalment hija marret tiġbor il-*cover* mill-ħanut;

-Nazzareno Zammit kien oriġinarjament talab li jara anki l-parti l-oħra tal-*cover* qabel jiddeċiedi setgħetx tinħasel sabiex jaċċerta ruħu li l-materjal kien jiflaħ;

-Roberta Patiniott irrifjutat li ġġib il-parti l-oħra tal-*cover* u baqgħet tinsisti li riedet kumpens ta' ħames mitt Ewro (€500.00).

Illi skont Roberta Patiniott, is-*salesgirl* li tkellmu magħha kienet obbligat ruħha li tkellem lill-imgħallem tagħha u kellu jsir aċċertament jekk is-soċjetà setgħetx tagħmel ix-xogħol. Fil-każ li s-soċjetà intimata tikkonkludi li setgħet tagħmel dan ix-xogħol, l-attriċi Roberta Patiniott xehdet li qabel tagħmel ix-xogħol, is-soċjetà kellha tinfurmahom u tistenna l-permess espliċitu tagħhom, mhux taqbad u twettaq ix-xogħol.

Illi s-*salesgirl* Anita Gilson xehdet li hija kienet infurmat lill-attriċi li skont l-imgħallem tagħha, ix-xogħol seta' jsir. Gilson xehdet ukoll li l-attriċi qalet li iktar ma jkun lest malajr ix-xogħol, iktar aħjar. It-Tribunal jinnota li Anita Gilson f'ebda punt ma xehdet li Roberta jew Robert Patiniott tawx istruzzjonijiet espliċiti u univoki biex ix-xogħol jitwettaq. Jidher mix-xhieda ta' Gilson li meta hija infurmat lil Roberta Patiniott li x-xogħol seta' jsir, l-attriċi ħadet gost bl-aħbar u qalet diskors fis-sens li huwa tajjeb li setgħu jagħmlu x-xogħol sabiex il-mitraħ ma jdumx wisq mingħajr *cover*. Għal darb'oħra, it-Tribunal itenni li f'ebda punt ma jidher li l-atturi taw istruzzjonijiet espliċiti biex ix-xogħol isir. Min-naħa l-oħra, huwa nnutat li lanqas ma taw istruzzjonijiet biex ix-xogħol ma jsirx.

Illi Nazzareno Azzopardi (direttur tas-soċjetà intimata) xehed li ħadd ma kien kellmu biex jeżamina l-*cover* u minn dak li seta' jifhem, is-*salesgirl* kienet tat struzzjonijiet lill-ħaddiema biex inaddfu l-*cover*. Hu xehed li daħal fl-istorja meta l-*cover* kien diġà tnaddaf u bdew l-ilmenti tal-atturi.

In kontro-eżami, Azzopardi ċaħad li s-*salesgirl* kienet kellmitu u qal li hi tkellmet mal-ħaddiema tiegħu.

Illi nonostante dan, it-Tribunal josserva li Roberta Patiniott kienet xehdet li hi kienet rat karta ta' "Lilywhite Laundry" li kienet tindika li ġiet ikkonsenjata *cover* u li kellha l-kliem "*Attention Reno before done*". Jidher għalhekk li kien hemm xi intopp fis-sens li għalkemm ċertament l-intenzjoni dejjem kienet li l-*cover* tkun eżaminata minn Nazzareno Azzopardi, dan (skont ix-xhieda tiegħu stess) ma kienx raha qabel tnaddfet.

Illi b'referenza għas-solita karta tas-soċjetà intimata li permezz tagħha kienu jindikaw l-oġġett ikkonsenjat lilhom għat-tindif b'deskrizzjoni tal-oġġett, Roberta Patiniott xehdet li hi ma ffirmatx din il-karta għax qatt ma kienet tat struzzjonijiet espliċiti biex isir it-tindif. Min-naħa tiegħu, Nazzareno Azzopardi xehed li l-fatt li ma saritx is-solita karta ffirmata kienet stante traskuraġni tal-impjegati tiegħu.

Illi Nazzareno Azzopari xehed inkontradett li mit-trattattivi mal-attriċi Roberta Patiniott, irriżulta li Patiniott kienet qalet lil Azzopardi li xi annimal kien ħammeġ il-*cover* u ġie nnutat li s-sustanzi li jarmu l-annimali kienu aċidużi u setgħu kienu huma li għamlu ħsara lill-*cover*. Inoltre, Azzopardi xehed li Patiniott għall-ewwel qaltlu li qatt ma kienet ħaslet il-*cover* filwaqt li darb'oħra qaltlu li kienet ħaslitha darba biss.

Illi minn dan kollu, it-Tribunal josserva li kien ċertament żball li ma saritx karta li tindika l-istat tal-*cover* meta din ġiet ikkonsenjata lis-soċjetà intimata mill-attriċi.

Illi jigi msemmi wkoll li l-*cover* kienx wiehed gdid u ghalhekk l-ammont irid jirrifletti ukoll dan.

Illi nonostante l-kwistjoni dwar jekk ingħatax l-inkarigu jew le, fil-fehma tat-Tribunal, is-soċjetà intimata kellha obbligu li kemm jekk ix-xogħol isir, kif ukoll jekk ma jsirx, tirritorna l-oġġett relattiv fl-istess stat li kien meta ġie

ikkonsenjat lilhom, u mhux fi stat agħar. F'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jemminx li tressqu provi konvinċenti dwar jekk il-*cover* kinitx sofriet xi dannu fil-passat stante ħmieġ minn annimali.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata u jikkundanna lill-istess soċjetà intimata tħallas l-ammont ta' tlitt mitt Ewro (€300.00) stabbilit *ex aequo et bono* lir-rikorrenti.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru